II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1473

tat-30 ta' Ġunju 2021

li jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 rigward ċerti regoli għall-implimentazzjoni tal-għeluq f'ħin reali għas-sajd tal-gamblu tat-Tramuntana fi Skagerrak

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2) tiegħu

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-miżuri tekniċi stabbiliti fil-livell reġjonali għall-Baħar tat-Tramuntana, għal Skagerrak u għal Kattegat, li jinkludu wkoll regoli dwar id-daqsijiet tal-malji, il-kundizzjonijiet assoċjati u l-qabdiet inċidentali.

(2) Ir-Rekord Maqbul tal-Konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja tas-6 ta' Settembru 2018 ([2]) dwar il-miżuri tekniċi fi Skagerrak jistipula l-proċeduri u l-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni għall-adozzjoni ta' għeluq f'ħin reali għall-gambli tat-Tramuntana (*Pandalus borealis*) fi Skagerrak.

(3) Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, Franza, in-Netherlands u l-Iżvezja ("il-Grupp ta' Scheveningen") għandhom interess ġestjonali dirett fis-sajd tal-Baħar tat-Tramuntana u ppreżentaw rakkomandazzjoni konġunta fis-7 ta' Marzu 2019 li timplimenta l-miżuri stabbiliti fir-Rekord Maqbul fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Ir-rakkomandazzjoni konġunta tispeċifika l-għeluq f'ħin reali tas-sajd tal-gambli tat-Tramuntana għall-protezzjoni tal-ħut li għadu qed jikber u teżenta aktar irkapti.

(4) Wara l-valutazzjoni ta' dik ir-rakkomandazzjoni konġunta mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (l-STECF) ([3]), ġie adottat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2201 tal-1 ta' Ottubru 2019 ([4]).

(5) Wara l-pubblikazzjoni ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri kkonċernati talbu li l-Kummissjoni tikkoreġi xi erruri li jimpedixxu l-implimentazzjoni korretta ta' dak l-att delegat.

([1]) ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105.
([2]) https://ec.europa.eu/fisheries/sites/fisheries/files/2018-sweden-norway-09-2018.pdf
([3]) https://stecf.jrc.ec.europa.eu/documents/43805/2537709/STECF+PLEN+19-02.pdf
([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/2201 tal-1 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-għeluq f'ħin reali għas-sajd tal-gamblu tat-Tramuntana fl-Iskagerrak (ĠU L 332, 23.12.2019, p. 3).

(6) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 jipprevedi definizzjoni tat-terminu "Friegħ tal-Gamblu tat-Tramuntana" biex jiġi ddeterminat id-daqs tal-ħut li l-kwantità tagħhom li jinqabdu b'mod ġenerali fil-qabdiet kollha f'daqqa tista' tattiva l-għeluq tas-sajd fil-ħin reali. Għall-fini tas-sigurtà u ċ-ċarezza legali, jenħtieġ li tul dak ir-Regolament dejjem jintuża l-istess terminu għall-istess kunċett. Għalhekk, jenħtieġ li jintuża t-terminu "friegħ tal-Gamblu tat-Tramuntana" tul l-att kollu, u mhux xi sinonimu ieħor tiegħu, bħal "Pandalus taħt it-tul ta' attivazzjoni" jew "Pandalus ta' daqs żgħir".

(7) Ir-rakkomandazzjoni konġunta stabbiliet strateġija bbażata fuq ir-riskju biex jiġu identifikati żoni u perjodi meta jkun hemm riskju li jinqabdu għadd ta' friegħ tal-gamblu tat-Tramuntana li jaqbeż il-livell ta' limitu. Billi r-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 bi żball irrefera għal livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet ta' 20 % tal-piż meta mqabbel mal-qabda totali tal-gamblu tat-Tramuntana f'sett, jenħtieġ li minflok hekk jirreferi għal 20 % tal-għadd mill-għadd totali f'kampjun, kif stabbilit fir-rakkomandazzjoni konġunta.

(8) Ir-Regolament (UE) 2019/1241 jistabbilixxi daqs minimu tal-malja ta' 35 mm għas-sajd li jkun qed jimmira għall-gamblu tat-Tramuntana fi Skagerrak u f'Kattegat. Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 bi żball isemmi daqs minimu tal-malja ta' 32 mm, li huwa d-daqs minimu tal-malja għas-sajd li jimmira għall-gamblu tat-Tramuntana fil-Baħar tat-Tramuntana. Għalhekk, jenħtieġ li dak l-Anness jiġi emendat skont dan.

(9) Ir-rakkomandazzjoni konġunta stabbiliet il-possibbiltà li jkollu jsir għeluq tas-sajd jekk il-proporzjon ta' friegħ tal-gamblu tat-Tramuntana jaqbeż l-40 %. Sabiex ikun f'konformità ma' dik ir-rakkomandazzjoni konġunta, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 jirreferi għal dan il-perċentwal b'rabta mal-għadd fil-kampjun u mhux mal-qabda totali.

(10) Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 laqqa' l-programm ta' monitoraġġ speċifiku rispettiv għall-bastimenti li jużaw gradilja Nordmøre selettiva skont id-daqs, u għax-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ mgħammrin bi rkapti selettivi, ma' sajd li jsir biss fiż-żona li hija soġġetta għall-għeluq f'ħin reali (żona magħluqa). Jenħtieġ li dak ir-Regolament jiġi addattat biex ikun jaqbel mal-valutazzjoni tal-STECF li kkonkludiet li l-bastimenti mgħammrin b'dan l-irkaptu selettiv iridu jkunu soġġetti għal programm speċifiku ta' monitoraġġ rispettiv, jistadu fejn jistadu.

(11) Ir-Rakkomandazzjoni konġunta u r-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 bi żball iddefinew li d-daqs minimu tal-kampjun biex jiġi ddeterminat għandux jiġi stabbilit għeluq f'ħin reali bil-piż kellu jkun 2 kg ta' gambli, inkella, skont il-volum kellu jkun ta' litru wieħed. Għalhekk, l-Istati Membri talbu li r-Regolament jiġi kkoreġut skont ir-Rekord Maqbul fejn hu ddikjarat li d-daqs minimu tal-kampjun irid ikun kilogramma bil-piż jew żewġ litri bil-volum.

(12) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 jiġi emendat skont dan.

(13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament għandhom impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ minnufih wara l-pubblikazzjoni tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 3

Livell ta' attivazzjoni tal-qabdiet

Il-livell tal-qabda li jattiva l-għeluq tas-sajd f'ħin reali skont dan ir-Regolament għandu jkun 20 % tal-għadd ta' friegħ tal-gamblu mill-għadd totali tal-gamblu tat-Tramuntana f'kampjun.";

(2) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Is-sors tal-informazzjoni għall-monitoraġġ tal-livelli ta' attivazzjoni tal-qabdiet għandu jkun l-ispezzjonijiet fuq il-baħar imwettqa mill-awtoritajiet tal-kontroll kompetenti fuq bastimenti tas-sajd li jimmiraw għall-gamblu tat-Tramuntana (*Pandalus borialis*) bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 35 mm.";

(3) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Jekk il-proporzjon ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana jkun iktar minn 40 % mill-għadd totali ta' dik l-ispeċi fil-kampjun, kif imsemmi fl-Artikolu 4(4), l-awtoritajiet tal-kontroll jistgħu jirrakkomandaw għeluq f'ħin reali abbażi ta' kampjun wieħed.";

(4) L-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Fuq il-bażi tar-rapporti dwar it-teħid ta' kampjuni msemmija fl-Artikolu 4(4), l-Istat Membru kostali kkonċernat jista' jipprojbixxi s-sajd għall-gamblu tat-Tramuntana bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ b'daqs tal-malja ta' mill-inqas 35 mm f'żona ddefinita skont l-Artikolu 7 ("iż-żona magħluqa").";

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-bastimenti li jużaw gradilja Nordmøre selettiva skont id-daqs kif imsemmi fl-Anness III għandhom ikunu soġġetti għal programm ta' monitoraġġ speċifiku li jrid jiġi stabbilit mill-Istati Membri sabiex jivverifikaw il-proporzjon ta' frieħ tal-Gamblu tat-Tramuntana fil-qabda totali ta' dik l-ispeċi. Ir-riżultati li ħarġu minn dawk il-programmi għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data tal-bidu tal-programm u 12-il xahar wara dan.";

(5) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri tal-bandiera ta' bastimenti li jużaw l-irkapti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jistabbilixxu programm ta' monitoraġġ speċifiku biex jivverifikaw li l-qabdiet ma jilħqux il-livell ta' attivazzjoni. Jekk il-qabdiet jilħqu l-livell ta' attivazzjoni, dawk il-bastimenti għandhom joħorġu miż-żona magħluqa għall-bqija tal-perjodu ta' għeluq. Ir-riżultati minn dawk il-programmi għandhom jiġu trażmessi lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn sitt xhur wara d-data tal-bidu tal-programm u minn hemm 'il quddiem, kull 12-il xahar. Jekk ir-riżultati minn dawn il-programmi juru li l-qabdiet jaqbżu l-livelli ta' attivazzjoni, dawn l-irkapti ma għandhomx jibqgħu jiġu eżentati."

(6) l-Annessi huma emendati kif ġej:

(a) L-Anness I huwa emendat skont il-punt 1 tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(b) L-Anness II huwa emendat skont il-punt 2 tal-Anness ta' dan ir-Regolament;

(c) L-Anness III huwa emendat skont il-punt 3 tal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

1. L-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt 3, il-punti a) u b) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(a) Il-kampjun għandu jittieħed b'mod li jirrifletti l-kompożizzjoni tal-qabda tal-gamblu tat-Tramuntana fis-sett. Sabiex dan jinkiseb, il-kaptan, jew persuna maħtura minnu, għandu jassisti meta jittieħed il-kampjun;

(b) Id-daqs minimu tal-kampjun għandu jkun 1 kg jew żewġ litri ta' gamblu tat-Tramuntana.";

(b) il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-kwantità ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana għandha tiġi kkalkulata bħala perċentwal tal-għadd totali ta' gambli tat-Tramuntana fil-kampjun."

2. L-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*ANNESS II*

GĦELUQ F'ĦIN REALI — RAPPORT DWAR IT-TEĦID TA' KAMPJUNI LILL-ISTAT KOSTALI

Gambli tat-Tramuntana mqabbla ma' frieħ tal-gambli tat-Tramuntana. *

Dettalji tal-ispezzjoni/ osservazzjoni	Pjattaforma tal-ispezzjoni	Isem l-ispettur/l-osservatur	Isem l-ispettur/l-osservatur		Data u ħin (1) tal-ispezzjoni/ l-osservazzjoni	Pożizzjoni (2) tal-ispezzjoni/ l-osservazzjoni
Dettalji tal-bastiment tas-sajd	Isem	Sinjal tas-sejħa	Numru tar-reġistrazzjoni	Stat tal-bandiera	Tip ta' rkaptu Singlu/ Doppju	Daqs tal-malja f'mm
Miżuri ta' selezzjoni	Gradilja (għall-issortjar tal-Pandalus)	Gradilja, mm	Oħrajn		Borża tal-ġbir	Daqs tal-malja fil-borża tal-ġbir
Dettalji tal-operazzjoni tas-sajd	Bidu	Data u ħin (1)	Pożizzjoni (2)			
	Tmiem	Data u ħin (1)	Pożizzjoni (2)		Kemm damet l-operazzjoni tas-sajd (3)	
Dettalji tal-qabda	Stima tal-qabda totali fis-sett (kg)					
	Stima tal-qabda ta' gamblu tat-Tramuntana fis-sett (kg)					
	Daqs tal-kampjun tal-gamblu tat-Tramuntana (kg/litru)					
	Għadd totali ta' gamblu tat-Tramuntana fil-kampjun					
	Għadd ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana fil-kampjun					
	% ta' frieħ tal-gamblu tat-Tramuntana (għadd ta' frieħ ta' gamblu tat-Tramuntana/l-għadd totali)					

Osservazzjonijiet u informazzjoni addizzjonali	Informazzjoni addizzjonali minn sorsi oħrajn, pereżempju mogħtija mill-kaptan.
Isem l-ispettur Firma	Mhux meħtieġa jekk jiġi kompletat b'mod elettroniku u trażmess lill-Istat kostali permezz tal-posta elettronika."

* It-terminu 'Friegħ tal-gamblu tat-Tramuntana' kif iddefinit f'dan ir-Regolament jikkorrispondi mat-termini 'Pandalus under trigger level', 'Pandalus below the trigger size' u 'Pandalus under the RTC trigger size', kif iddefiniti fir-Rekord Maqbul tal-Konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja tas-6 ta' Settembru 2018.

([1]) jj/xx/ss sigħat u minuti (ħin lokali fil-format ta' 24 siegħa)

([2]) eż.: 56° 24′ N 01° 30′ E.

([3]) sigħat u minuti.

3. L-intestatura tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2201 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*GRADILJA SELETTIVA FIS-SAJD TAL-GAMBLU TAT-TRAMUNTANA LI SE TKUN PERMESSA FIŻ-ŻONA MAGĦLUQA*"